



Brussell, 12 ta' Mejju 2020
(OR. en)

7799/20

**Fajl Interistituzzjonali:
2020/0071(COD)**

**CODEC 355
TRANS 195**

NOTA PUNT "I"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Suġġett:	Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva (UE) 2016/797 u d-Direttiva (UE) 2016/798, fir-rigward tal-estensjoni tal-perijodu ta' traspożizzjoni tagħhom (l-ewwel qari) - Deċiżjoni li tintuża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tal-att leġislattiv - Deċiżjoni li ssir deroga mill-perijodu ta' tmien ġimgħat previst fl-Artikolu 4 tal-Protokoll 1 tat-TFUE dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-UE

1. Fid-29 ta' April 2020, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 91(1) TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ġie kkonsultat u mistenni jagħti tveġiba fi żmien qasir.
3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ġie kkonsultat u mistenni jagħti tveġiba fi żmien qasir.
4. Il-Parlament Ewropew ser jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni fil-plenarja tiegħu mit-13 sas-16 ta' Mejju 2020.

¹ 7645/20.

5. Minħabba l-urġenza taċ-ċirkostanzi eċċezzjonali li jiġġustifikaw il-miżuri proposti, id-Direttiva ser tkun tista' tiġi adottata biss permezz tal-proċedura bil-miktub.
6. Fil-kuntest ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jiddeċiedi, f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill u l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2020/556², li l-Kunsill juża l-proċedura bil-miktub:
- għall-adozzjoni tal-abbozz ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva (UE) 2016/797 u d-Direttiva (UE) 2016/798, fir-rigward tal-estensjoni tal-perijodu ta' traspożizzjoni tagħhom, kif jinsab fid-dokument PE-CONS 14/20³; u
 - li jidderoga, abbażi tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(3) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, mill-perijodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dak l-Artikolu.
-

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/556 tal-21 ta' April 2020 li testendi d-deroga temporanja mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill introdotta bid-Deċiżjoni (UE) 2020/430 fid-dawl tad-diffikultajiet ta' vvjaġġar ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 fl-Unjoni (ĠU L 128I, 23.4.2020, p. 1).

³ PE-CONS 14/20 ser ikun disponibbli fi żmien xieraq.